BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 08/2010**

**Novembru 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja għal Novembru 2010.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset bi EUR28.7 miljun jew 0.3% f'Novembru, għal EUR9.4 biljuni (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata annwali tat-tkabbir jew ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena rpiljat minn 5.3% f'Ottubru għal 6.4%.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) żdied marġinalment b'EUR0.7 miljun minħabba żieda fil-flus maħruġa, li għelbet waqgħa fid-depożiti *overnight*. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir aċċelerat għal 18.2% minn 17.8% f'Ottubru.

Il-waqgħa fl-M3, kif ukoll fl-M2, il-komponent monetarju intermedju seħħet minħabba waqgħa ta' EUR46.4 miljun, fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Dan it-tnaqqis għeleb żieda ta' EUR12.0 miljun f'depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas. Madankollu, minħabba li l-M2 kien waqa' b'mod qawwi sena qabel, ir-rata tat-tkabbir tiegħu fuq bażi annwali rrankat għal 6.0% minn 4.9% f'Ottubru.

Sadanittant il-kontroparti tas-self tal-M3 kibret bi EUR83.9 miljun jew 0.6%. Dan kien prinċipalment dovut għal żidiet kważi ugwali fis-self lill-gvern ġenerali u self lil residenti oħra. Ir-rata annwali ta' tkabbir tas-self kibret marġinalment minn 10.3% f'Ottubru għal 10.4% f'Novembru.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro telgħet b'EUR206.9 miljuni, jew 2.5% f'Novembru. Żieda fit-titoli u d-depożiti miżmuma minn IFM residenti għelbet żieda fid-depożiti ta' residenti barra ż-żona tal-euro.

Dawn l-iżviluppi parzjalment għamlet tajjeb għalihom żieda fil-kontropartijiet l-oħra tal-M3 li telgħu bi EUR319.5 miljun, jew 2.4% f'Novembru. Dan ġara l-aktar minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fit-tul tal-banek, l-aktar fil-forma ta' ishma.

**Depożiti miżmuma minn u self lil residenti Maltin**

Id-depożiti miżmuma minn residenti ta' Malta ma' IFM Maltin żdiedu bi EUR19.2 miljun, jew 0.2%, f'Novembru. Żidiet fid-depożiti *overnight* u fid-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas għelbu waqgħa fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Għaldaqstant, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali ta' residenti rrankat għal 4.1% f'Novembru minn 3.4% xahar qabel (ara Tabella 2).

Id-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin kibru bi EUR13.3 miljun, jew 0.3% matul ix-xahar kopert, hekk kif żieda fid-depożiti miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji għelbet tnaqqis f'dawk miżmuma minn individwi u kumpaniji tal-assikurazzjoni. Id-depożiti li jinfdew b'avviż telgħu b'EUR10.2 miljuni, biex bl-istess mod jirriflettu żieda fil-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji. Mill-banda l-oħra depożiti aktar baxxi miżmuma minn individwi u kumpaniji mhux finanzjarji kienu l-fatturi ewlenin li kkawżaw il-waqgħa ta' EUR4.4 miljuni fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas.

Sadanittant, is-self mogħti minn IFM Maltin lil residenti ta' Malta kiber marġinalment bi EUR8.8 miljuni, jew 0.1%, filwaqt li r-rata annwali tat-tkabbir tiegħu battiet għal 6.7% minn 7.1% fix-xahar ta' qabel.

Is-self lill-gvern ġenerali Malti naqas bi EUR58.8 miljun, jew 2.7%, f'Novembru. Il-livelli aktar baxxi ta' titoli tal-Gvern miżmuma mill-banek kienu konformi mal-fidwa matul ix-xahar ta' stokks tal-Gvern li mmaturaw. Għalhekk, ir-rata annwali tat-tkabbir battiet minn 11.4% f'Ottubru għal 8.3% f'Novembru.

Kuntrarju għal dan, is-self lil residenti lokali barra l-gvern ġenerali tela' b'EUR67.5 miljun jew 0.8%, l-aktar minħabba żieda fis-self mogħti lil kumpaniji u individwi. Għalhekk ir-rata annwali tat-tkabbir ta' dan l-aggregat irrankat għal 6.3% minn 6.0% f'Ottubru.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

Matul ix-xahar kopert, l-assi barranin netti, li huma definiti bħala l-volum tal-obbligazzjonijiet netti lejn IFM residenti ta' kontropartijiet barra minn Malta, żdiedu b'EUR232.4 miljun, jew 2.1%. Din iż-żieda kienet dovuta għal żieda fl-assi barranin minħabba li żdiedu t-titoli u d-depożiti miżmuma ma' banek mhux residenti. Din għelbet żieda fl-obbligazzjonijiet barranin. Iż-żieda sostanzjali fl-assi barranin netti meta mqabbla ma' sena qabel kienet tirrifletti b'mod qawwi l-operat ta' bank li kien illiċenzjat aktar kmieni fl-2010.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti**

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata mħallsa f'Novembru minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti baqgħet l-istess fil-livell tax-xahar ta' qabel ta' 1.37%, filwaqt li r-rata mitluba fuq is-self kollu naqset minn 4.74% għal 4.73%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)

*€ miljuni*

| | Nov-10 | Ott-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(2)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **4,979.7** | **4,979.0** | **0.7** | **0.0** | **4,211.9** | **767.8** | **18.2** |
| Flus maħruġa(3) | 665.7 | 663.0 | 2.7 | 0.4 | 630.2 | 35.4 | 5.6 |
| Depożiti *overnight* (4) | 4,314.0 | 4,316.0 | -2.0 | 0.0 | 3,581.7 | 732.4 | 20.4 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,165.2** | **9,198.9** | **-33.7** | **-0.4** | **8,644.4** | **520.8** | **6.0** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 4,979.7 | 4,979.0 | 0.7 | 0.0 | 4,211.9 | 767.8 | 18.2 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(4) | 125.5 | 113.5 | 12.0 | 10.6 | 109.1 | 16.4 | 15.0 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(4) | 4,060.0 | 4,106.5 | -46.4 | -1.1 | 4,323.4 | -263.3 | -6.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **9,409.2** | **9,437.9** | **-28.7** | **-0.3** | **8,839.7** | **569.5** | **6.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,165.2 | 9,198.9 | -33.7 | -0.4 | 8,644.4 | 520.8 | 6.0 |
| Self kontra titoli | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(5) | 244.0 | 238.9 | 5.0 | 2.1 | 195.3 | 48.7 | 24.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,455.7** | **14,371.7** | **83.9** | **0.6** | **13,088.4** | **1,367.3** | **10.4** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,877.7 | 3,835.8 | 41.9 | 1.1 | 3,193.0 | 684.7 | 21.4 |
| Self lil setturi oħra | 10,578.0 | 10,535.9 | 42.1 | 0.4 | 9,895.4 | 682.6 | 6.9 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **8,347.2** | **8,140.3** | **206.9** | **2.5** | **6,545.3** | **1,801.9** | **27.5** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 30,383.5 | 29,186.4 | 1,197.2 | 4.1 | 24,855.1 | 5,528.4 | 22.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,036.3 | 21,046.0 | 990.3 | 4.7 | 18,309.8 | 3,726.5 | 20.4 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **13,393.7** | **13,074.2** | **319.5** | **2.4** | **10,794.0** | **2,599.7** | **24.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 774.8 | 688.1 | 86.8 | 12.6 | 558.0 | 216.8 | 38.9 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,422.2 | 11,264.9 | 157.3 | 1.4 | 5,489.2 | 5,933.1 | 108.1 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,196.6 | 1,121.2 | 75.4 | 6.7 | 4,746.8 | -3,550.2 | -74.8 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI

*€ miljuni*

| | Nov-10 | Ott-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI** | **8,165.7** | **8,146.5** | **19.2** | **0.2** | **7,847.6** | **318.1** | **4.1** |
| Depożiti *overnight* | 4,201.1 | 4,187.8 | 13.3 | 0.3 | 3,493.1 | 708.0 | 20.3 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(1)] | 123.6 | 113.4 | 10.2 | 9.0 | 109.0 | 14.7 | 13.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(1)] | 3,840.9 | 3,845.3 | -4.4 | -0.1 | 4,245.5 | -404.6 | -9.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **10,237.9** | **10,229.2** | **8.8** | **0.1** | **9,594.8** | **643.1** | **6.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,133.8 | 2,192.6 | -58.8 | -2.7 | 1,969.7 | 164.1 | 8.3 |
| Self lil setturi oħra | 8,104.1 | 8,036.6 | 67.5 | 0.8 | 7,625.1 | 479.0 | 6.3 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,178.8** | **10,946.4** | **232.4** | **2.1** | **5,288.4** | **5,890.5** | **111.4** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 41,483.2 | 40,090.8 | 1,392.4 | 3.5 | 32,038.6 | 9,444.6 | 29.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,304.4 | 29,144.4 | 1,160.0 | 4.0 | 26,750.2 | 3,554.2 | 13.3 |

[(1)] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.